*ID-DEVOZZJONI LEJN IL-MADONNA ĠEWWA ĦAŻ-ŻEBBUĠ*

# Il-Kappella "Ta' Mamo" ddedikata lill-Assunta



*kitba ta'* **Odette CORTIS**
*B.A. (Hons.) Hist.*

**Meta** wieħed jibda jdur fil-gżejjer Maltin żgur jinnotta li ħafna mill-irħula u l-ibliet huma ddedikati lil Ommna Marija Santissima taħt il-forma ta' ħafna titli differenti. L-iktar titlu importanti u famuż huwa dak ta' Marija Santissima mtellgħa s-sema jew aħjar "Santa Marija". F'dawn il-gzejjer insibu tmien parroċċi ġewwa Malta u tnejn ġewwa Għawdex iddedikati lil Santa Marija. Dan barra l'ħafna kappelli li hawn imxerrdin li huma ddedikati lill-Madonna. Fl-irħula l-oħrajn, allavolja mhumiex iddedikati lill-Madonna, żgur li xorta għandhom devozzjoni lejn Omm Alla. Xhieda ta' dan huma d-diversi niċeċ, statwi u kwadri li nsibu mxerdin f'diversi knejjes. Dawn probabbli saru bħala sinjal ta' ringrazzjament jew inkella bħala mezz ta' protezzjoni għaliex il-Madonna hija dik il-persuna li dejjem tidħol għalina quddiem Alla u Alla żgur mhux ser jiċħad it-talb tagħha. Hija dejjem kienet u għadha tgħin lill-poplu tagħna f'mumenti diffiċli, per eżempju fl-Assedju l-Kbir, fil-pesta tal-1813 u anke fit-tieni gwerra dinjija.

## Ħaż-Żebbuġ u l-għażla tal-Prottettur tiegħu

Bħalma kulħadd jaf. ir-raħal ta' Ħaż-Żebbuġ huwa wieħed mill-eqdem irħula ta' Malta. Xhieda ta' dan huma l-fdalijiet pre-istoriċi u neolitiċi li nstabu viċin "Ta' Trapana" u fi Triq Antonio Sciortino. Instabu wkoll fdalijiet ta' katakombi Rumani f'Wied Qirda u f'Wied Heris.

Għall-ewwel iż-Żebbuġin ma kellhomx knisja tagħhom u għalhekk kien ikollhom imorru jisimgħu l-quddies f'xi knejjes oħra. Għalhekk ħassew li għandhom jibnu knisja għalihom li kellha sservi għall-bżonnijiet tagħhom u propju meta dawn ġew biex jibnu l-Knisja tagħhom, iddeċidew li jiddedikawha lil San Filep t'Aggira.

Għaliex għażlu lil dan il-Qaddis? Dan għaliex il-benefattur ewlieni Filippu minn Catania, li kien miżżewweġ Żebbuġija u li kien huwa li offra l-art biex fuqha tinbena l-knisja, għamel kundizzjoni liż-Żebbuġin. Din kienet li l-knisja li tinbena kellha tkun iddedikata lill-Protettur tiegħu. Hekk sar, u San Filep għadu u jibqa' l-Protettur taż-Żebbuġin kollha.

## Id-Devozzjoni lejn il-Madonna

Imma madankollu, xorta waħda l-poplu Żebbuġi għandu devozzjoni kbira lejn il-Madonna. U xhieda ta' dan huma d-diversi statwi, pitturi u niċeċ li huma ddedikati lill-Madonna. Biss biss wieħed jista' jinnotta li l-ikbar ammont ta' niċeċ li nsibu ġewwa Ħaż-Żebbuġ, wara dawk iddedikati lil San Filep, huma dawk tal-Madonna.

Xhieda oħra ta' qima u imħabba lejn il-Madonna jidher fil-twaqqif tal-fratellanzi. F'Ħaż-Żebbuġ insibu sitt fratellanzi u erba' minnhom huma ddedikati lill-Madonna. Dawn huma tar-Rużarju (1588), dik tal-Karità (1696), dik taċ-Ċintura (1723) u l-fratellanza tad-Duluri (1813).[1]

Inbnew ukoll diversi kappelli madwar Ħaż-Żebbuġ li huma ddedikati lill-Madonna taħt titli differenti. Fost l-oħrajn insibu l-kappella tal-Lunzjata (1676), il-kappella tal-Viżitazzjoni tal-Madonna f'Wied Qirda (1703), il-kapella tal-Kunċizzjoni, il-Kappella ta' Sidtna ta' l-Angli, il-kappella tad-Dawl u l-Kappella ta' Santa Marija f'Ħal-Muxi.[2]



*Niċċa artistika tal-Madonna tar-Rużarju.*

## Kienet teżisti devozzjoni lejn l-Assunta f'Ħaż-Żebbuġ?

Ir-risposta hija fl-affermattiv, anzi hija devozzjoni antika wkoll. F'Ħaż-Żebbuġ kienu jeżistu erba' knejjes f'ġieħ l-Assunta imma tnejn biss għadhom jeżistu llum il-ġurnata. Dawn huma l-kappella ta' Santa Marija f'Ħal-Muxi u l-kappella ta' Santa Marija mtellgħa s-



*Il-Kappella ddedikata lil Santa Marija f'Ħal Muxi, fil-periferija ta' Ħaż-Żebbuġ u li nbniet fl-1775.*

sema jew aħjar kif jafuha ħafna "Ta' Mamo".

## Il-Kappella "Ta' Mamo"

Din il-kappella hija waħda mill-eqdem kappelli li ġew mibnija ġewwa Ħaż-Żebbuġ. Iżda mhux minn dejjem kienet iddedikata lill-Assunta għaliex qabel kienet iddedikata lis-SS. Salvatur. Imma għall-ħabta ta' l-1500 iddedikawha lill-Assunta. Anke Luret Vella, fil-ktieb tiegħu "Storja ta' Ħaż-Żebbuġ" ukoll isemmi li:

"Meta Mons. Dusina ġie jżur lil Ħaż-Żebbuġ nhar is-Sibt 5 ta' Frar 1575, flimkien mal-Patri Majj. Damjan Taliana, fir-rapport tiegħu semma' tlieta u għoxrin kappella li kienu diġà jeżistu f'Ħaż-Żebbuġ u fosthom hemm imsemmija L-Assunta Ta' Mamo."[3]

Fis-snin 1592 u 1593, il-gżejjer Maltin inħakmu mill-pesta u ż-Żebbuġin meħlusa bnew knisja f'ġieħ Santu Rokku, il-qaddis protettur ta' din il-marda. Din inbniet viċin il-knisja "Ta' Mamo" li kienet ġiet abbandunata. Tant hu hekk li fl-1608 kienet ser tiġġarraf u kien Ġanni Pisani li pprova jirranġaha, imma t-tiswija kienet saret ta' fuq fuq. Għalhekk ġiet magħluqa b'ordni ta' l-Isqof fit-8 ta' Diċembru 1658. Kellu jkun il-kjeriku Salvu Balzan li beda jerġa' jieħu ħsiebha. Dan żamm kelmtu u meta miet fis-17 ta' Mejju 1685, ħalla ġidu kollu b'risq din il-knisja. Bi flusu nbniet il-knisja li naraw illum mibnija fuq il-pjanta ta' Lorenzo Gafà.



*Il-Kappella ta' l-Assunta magħrufa bħala "Ta' Mamo", li nbniet fl-1683.*

Il-knisja damet tinbena xi sentejn u tbierket fl-14 t'Awwissu 1685, sewwa sew tnejn u disgħin sena qabel ma ġiet mibnija l-knisja preżenti ta' Ħal-Muxi. Il-kampnar sar ħafna snin wara, fl-1845 fuq pjanta ta' Giovanni Andrea Psaila.

Malli wieħed jidħol f'din il-knisja, jibqa' mpressjonat għaliex għalkemm mhijiex kbira xorta għandha opri artistiċi li żgur jogħġbu lil kulmin jidħol fiha. Il-prospettiva ta' l-altar maġġur fiha xogħol ta' sengħa ta' skultura fil-ġebel. Din hi ffurmata minn bosta gwarniċi u mazzunetti li flimkien jagħtu dehra barokka. Fil-parti ta' fuq hemm jidhru post għal żewġ armi, iżda dawn baqgħu vojta bla ebda skultura. Żgur li kull knisja f'Malta nsibu l-kwadru titulari li jkun fuq il-protettur jew protettriċi li l-knisja tkun iddedikat jew iddedikata għaliha. F'din il-knisja dan żgur ma jistax jonqos. Il-kwadru titulari juri lil Marija tiela' s-sema bir-ruħ u l-ġisem akkumpanjata minn ħafna anġli, u huwa xogħol il-pittur Pasquale Buhagiar.

Barra minn dan il-kwardu, f'din il-knisja hemm erba' kwadri oħra sbieħ imdawwra bi gwarniċa tal-ġebel. Fl-ewwel wieħed hemm Marija Annunzjata, fl-ieħor hemm id-dehra ta' tlett qaddisin Sant'Antnin ta' Padova, San Leonardu u San Duminku, fl-ieħor hemm id-dehra tal-qtugħ ir-ras ta' San Ġwann Battista u fl-aħħar wieħed hemm id-dehra tal-qaddisin San Pawl, San Bartilmew, Sant'Injazju ta' Loyola u Santu Rokku.[4]

Din il-knisja għandha tmien ħitan, u kull ħajt huwa mżejjen b'par pilastri ta' stil doriku, u titla' għamla ta' koppla baxxa ovali b'lanterna li hija mimlija b'ħafna xogħol ta' skultura. Fuq il-bieb il-maġġur hemm tieqa tonda, li kienet issir f'kull knisja li kienet tinbena fl-imgħoddi, sabiex iddawwal il-knisja. Ma rridux ninsew li dak iż-żmien ma kienx jeżisti d-dawl elettriku. Fil-ġenb tal-knisja hemm kampnar li nbena fl-1845 bi spejjeż ta' Giovanni Andrea Psaila.

Illum il-ġurnata din il-knisja, għalkemm hija opra artistika u prezzjuża għaż-Żebbuġin kollha, m'għadhiex tintuża u m'għadux isir quddies fiha. Tinfetaħ biss darba fis-sena nhar il-festa ta' *Corpus* għaliex waqt il-purċissjoni tingħata l-Barka Sagramentali fiha. Xorta waħda l-qima u d-devozzjoni lejn Marija Assunta għadha kbira f'Ħaż-Żebbuġ u xhieda ta' dan hija l-festa li tiġi ċċelebrata b'tant għożża min-nies ta' Ħal-Muxi fil-kappella ddedikata lill-Assunta nhar il-15 t'Awwissu.

**Referenzi:**


1. Libro Esito delle fratellanze di Haz-Zebbug (1800-1850)
2. Ciappara S. "Storia Del Zebbug e sua Parrocchia".
3. Vella L. "Storja ta' Haz-Zebbug"
4. Miscellaneous Volume" - Żebbuġ Parish Archives.




*L-istatwa ta' Santa Marija f'Ħal Muxi li ġiet nawgurata fid-19 t'Ottubru 1996, b'"Devozzjoni mill-poplu Żebbuġi".*